**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**B10-0101/2024**

**}/REV**

**B10-0115/2024 }**
**B10-0116/2024 }**
**B10-0117/2024 }**
**B10-0118/2024 }**

**RC1**

9.10.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

skont l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B10-0101/2024 (Verts/ALE)
B10-0115/2024 (Renew)
B10-0116/2024 (S&D)
B10-0117/2024 (PPE)
B10-0118/2024 (ECR)

dwar il-każijiet ta' Ujguri inkarċerati inġustament fiċ-Ċina, b'mod partikolari Ilham Tohti u Gulshan Abbas
(2024/2857(RSP))

**Sebastião Bugalho, Miriam Lexmann, Michael Gahler, David McAllister, Isabel Wiseler-Lima, Luděk Niedermayer, Ana Miguel Pedro, Mirosława Nykiel, Paulo Cunha, Marta Wcisło, Vangelis Meimarakis, Loránt Vincze, Danuše Nerudová, Rosa Estaràs Ferragut, Tomáš Zdechovský, Jörgen Warborn, Wouter Beke, Nicolás Pascual De La Parte, Željana Zovko,**

**Inese Vaidere**
f'isem il-Grupp PPE
**Yannis Maniatis, Francisco Assis, Raphaël Glucksmann, Pina Picierno**
f'isem il-Grupp S&D
**Joachim Stanisław Brudziński, Adam Bielan, Mariusz Kamiński, Jaak Madison, Reinis Pozņaks, Alexandr Vondra, Jadwiga Wiśniewska, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek, Michał Dworczyk, Assita Kanko, Alberico Gambino, Carlo Fidanza, Charlie Weimers, Beatrice Timgren, Sebastian Tynkkynen, Roberts Zīle, Waldemar Tomaszewski**
f'isem il-Grupp ECR
**Petras Auštrevičius, Helmut Brandstätter, Benoit Cassart, Olivier Chastel, Engin Eroglu, João Cotrim De Figueiredo, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Moritz Körner, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Urmas Paet, Ana Vasconcelos, Hilde Vautmans, Lucia Yar**
f'isem il-Grupp Renew
**Erik Marquardt, Markéta Gregorová**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Per Clausen, Rima Hassan, Hanna Gedin, Jonas Sjöstedt, Lukas Sieper**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-każijiet ta’ Ujguri inkarċerati inġustament fiċ-Ċina, b’mod partikolari Ilham Tohti u Gulshan Abbas**
**(2024/2857(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikoli 4 u 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi fl-2014 Ilham Tohti nstab ħati ta’ akkużi politikament motivati ta’ “separatiżmu” u ġie kkundannat għal għomru l-ħabs; billi ħadem biex irawwem djalogu bejn l-Ujguri u ċ-Ċiniżi Han; billi rebaħ il-Premju Sakharov tal-2019;

B. billi Gulshan Abbas qed tiskonta sentenza ta’ 20 sena fuq akkużi foloz relatati mat-terroriżmu li jirrigwardaw l-attivitajiet ta’ oħtha, difensur tad-drittijiet tal-bniedem tal-Ujguri ppersegwitati fir-RPĊ;

C. billi dan jirrifletti r-repressjoni sistemika tal-awtoritajiet tar-RPĊ fil-konfront tal-Ujguri fir-Reġjun Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang (XUAR); billi l-Ujguri huma detenuti b’mod arbitrarju f’kampijiet ta’ internament u mġiegħla jirrinunzjaw l-identità etnika u t-twemmin reliġjuż tagħhom;

D. billi d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt għandha tkun fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-RPĊ;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur min-naħa tar-RPĊ tad-drittijiet tal-bniedem tal-Ujguri u tal-poplu fit-Tibet, f’Hong Kong, fil-Makaw u fiċ-Ċina kontinentali;

2. Iħeġġeġ lir-RPĊ teħles minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lil Ilham Tohti u Gulshan Abbas, kif ukoll lil dawk detenuti b’mod arbitrarju fiċ-Ċina u dawk imsemmija mill-UE matul is-57 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, tiggarantixxi l-aċċess tagħhom għall-kura medika u l-avukati, tipprovdi informazzjoni dwar fejn jinsabu u tiżgura d-drittijiet għall-aċċess tal-familja; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri japplikaw pressjoni f’dan ir-rigward f’kull kuntatt ta’ livell għoli;

3. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jadottaw sanzjonijiet addizzjonali kontra uffiċjali u entitajiet ta’ grad għoli involuti fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-RPĊ;

4. Jitlob li l-awtoritajiet tar-RPĊ jieqfu milli jrażżnu u jattakkaw lill-Ujguri b’politiki abbużivi, inklużi sorveljanza intensa, xogħol furzat, sterilizzazzjoni, miżuri ta’ prevenzjoni tat-twelid u l-qerda tal-identità Ujgura, li jammontaw għal delitti kontra l-umanità u riskju serju ta’ ġenoċidju; jitlob li jingħalqu l-kampijiet ta’ internament kollha;

5. Jikkundanna bil-qawwa lir-RPĊ talli ma implimentatx ir-rakkomandazzjonijiet tal-

Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR); jistieden lir-RPĊ tippermetti lill-OHCHR aċċess indipendenti għar-Reġjun Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang u jistieden lill-OHCHR joħroġ aġġornament komprensiv tas-sitwazzjoni u pjan ta' azzjoni biex ir-RPĊ tinżamm responsabbli;

6. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' impenn min-naħa tar-RPĊ għad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u n-nuqqas ta' riżultati;

7. Jistieden lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali jissospendu t-trattati ta' estradizzjoni mar-RPĊ u ma' Hong Kong, jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement u jimplimentaw ir-rapport tal-OHCHR;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw ir-repressjoni transnazzjonali tad-dissidenti Ċiniżi u tal-Ujguri fit-territorju tagħhom u jħarrku lill-individwi responsabbli;

9. Jilqa' r-regolament tal-UE dwar ix-xogħol furzat u jinsisti fuq l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu; jistieden lin-negozji li joperaw fir-RPĊ, b'mod partikolari fir-Reġjun Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang, jikkonformaw mal-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-awtoritajiet tar-RPĊ, lill-VP/HR, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lin-Nazzjonijiet Uniti.